MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 356/2012

**Appell Nru. 356/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Brincat**

**Illum 31 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 8661(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fix-xhur ta' Awwissu 2011 u Settembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Veronica Brincat u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond

dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Gunju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija, u f’kull kaz thassar il-piena inflitta u/jew tirriduci l-istess piena fis-sens u ghar-ragunijiet fuq esposti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :-

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li “Il-Qorti meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat”.

Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati la tghid il-fatti u lanqas ma ssemmi l-artikolu tal-ligi li fuqu sabet lill-esponent hati.

Kif gie ritenut f’gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta’ liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta’ x’hiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f’kaz ta’ imputazzjonijiet alternattivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta’ liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta’ x’hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid

xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla (Il-Pulizija vs Keith Pace : App. Krim. (JGD 5-5-2005).

Huwa veru li fl-istess sentenza jinghad ukoll li meta s-sentenza tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat u allura f'dan il-kaz is-sentenza tigi salvata. Izda fil-kaz prezenti l-akkuza tirreferi kemm ghal disubbidjenza ta' ordni tal-Qorti, kemm ghal ksur kontrattwali, u ghan-nuqqas ta' hlas tal-manteniment kemm tal-mara kemm tal-ulied. Diga` gie rilevat supra li kien hemm kemm kuntratt ta' separazzjoni kemm digriet tal-Qorti, u li l-mara intrabtet kontrattwalment li ma ghandha dritt ghal ebda manteniment ghalih. Ghalhekk kiem importanti li l-Qorti ticcara fuq liema fatti sabet lill-esponent hati.

Apparti dan, l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-artikolu tal-ligi li fuqu sabet lill-esponent hati.
Dan jikkostitwixxi nuqqas ta' formalita` sostanzjali u jgib in-nullita` tas-sentenza.
Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu ukoll l-esponent kellu jinstab mhux hati. L-akkuza kif dedotta ma kienitx tissussisti. Kif diga` inghad il-mara irrinunzjat jew iddekadiet minn kull jedd ta' manteniment fil-konfront ta' l-esponent u ghalhekk in kwantu tirreferi ghaliha l-akkuza la setghet issir u lanqas tintlaqa`. Fir-rigward tal-minuri Christian Brincat kien gie miftiehem fil-kuntratt tas-separazzjoni awtorizzat mill-Qorti, li l-esponent ma jhallasx manteniment meta ma jkunx qed jahdem b'mod regolari. Jirrizulta li fiz-zmien indikati fl-akkuza l-esponent kien il-habs u konsegwentement ma setghax ikun qed jahdem regolarment. Martu taccetta dan kollu, pero` tippretendi li l-ftehim ma kienx jiswa ghaliex kien il-habs bi htija tieghu. Wara li hareg mill-habs u beda jahdem l-esponent rega` beda jhallas il-manteniment regolarment.
F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-piena inflitta hija nulla u f'kull kaz fic-cirkostanzi partikolari, wahda eccessiva.
Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, anke jekk l-Ewwel Qorti sabet htija ma kellhiex tapplika l-piena ta' detenzjoni. Jekk il-kontravvenzjoni li tahtha l-esponent gie

akkuzat hija wahda ta' ordni pubbliku, zgur li l-esponent ma jistax jinghad li ghamel ta' rasu u kiser l-ordni pubbliku. Huwa mexa fuq il-kuntratt tas-separazzjoni. Meta r-raguni tas-sospensjoni tal-manteniment spiccat, minn jeddu u minghajr indugji, rega` beda jhallas il-manteniment kif miftiehem. Dan kollu fih innifsu kellu jimmilita favur l-esponent b'mod li tkun xi tkun il-fehma tal-Qorti tal-Magistrati, l-piena tad-detenzjoni ma kienitx l-aktar piena indikata fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant u martu Veronica Brincat huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u sitta (2006). Ghandhom tifel minuri, Christian, u skont il-kuntratt l-appellant huwa marbut illi jhallas ammont ta' manteniment ghal dan it-tifel. Qed jigi mixli illi bejn Awwissu u Settembru tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant ma hallasx il-manteniment kif stipulat bil-kuntratt fi zmien hmistax-il (15) jum skont dik l-ordni jew kuntratt.

B'sentenza tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal gimghatejn ditenzjoni.

Minn din is-sentenza l-appellant hass ruhu aggravat u l-ewwel aggravju tieghu jikkonsisti mill-fatt illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati la tghid il-fatti u lanqas ma ssemmi l-artikolu tal-ligi li fuqu sabet lill-appellant hati, u kkwota in sostenn l-artiklu 382 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

L-appellant qieghed necessarjament jirreferi ghal dak illi hemm miktub fuq il-komparixxi u mhux ghall-kopja tas-sentenza peress illi din fiha indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat b'indikazzjoni ukoll tal-kapitolu u riferenza ghall-fatti illi taghhom l-appellant gie misjub hati.

F'sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali *Il-Pulizija versus Albert Bezzina* tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tal-elf disa' mija erbgha u disghin (1994) il-Qorti qalet: "Fuq dan il-punt il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu li dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak li hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza, u bejn dawk l-appunti u l-kopja ufficcjali tas-sentenza ma hemmx kontradizzjonijiet." (Ara ukoll *Il-Pulizija versus Raymond Parnis*, Appell Kriminali 2 ta' Mejju 2012).

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali gie osservat fil-kopja ufficcjali tas-sentenza li hija l-kopja illi torbot lil terzi u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

L-appellant qieghed jilmenta ukoll illi huwa ma setax ihallas l-ammont mitlub fil-komparixxi peress illi dak iz-zmien kien il-habs u x-xoghol tieghu kien wieqaf. Spjega illi ghandu gabbana illi din baqghet tinfetah mit-tifla tieghu u l-gharus taghha, però ma damux wisq, u wara ftit ma baqghux joperawha. Wara li hareg mill-habs l-appellant baqa' jopera l-gabbana wahdu minghjr impjegati.

Il-parti leza, Veronica Brincat, xehedet illi hija separata mill-appellant u tikkonferma illi f'dak ix-xahar illi ma hallasx il-manteniment kien il-habs. Tispjega però illi l-kiosk, xorta baqghet tigi armata peress illi kienet qed tigi operata mit-tifla tieghu stess. Wara illi l-appellant hareg mill-habs beda jhallas il-manteniment b'mod regolari, però ghal dak ix-xahar baqa' ma hallsux.

Ikkunsidrat:

L-iskuza tal-appellant illi ma jhallasx il-manteniment peress illi kien il-habs ma jiskuzahx mill-obbligu tieghu illi jwettaq dak illi gie obbligat permezz ta' obbligazzjoni kontrattwali. Kif qalet il-kawza *Il-Pulizija versus Anthony Saliba* (15 ta' Lulju 1998): "... Jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li l-persuna tisfa bhal xoghol, dan ma jiskuzahx mill-obbligu taghha li

twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjali li tahtu hu akkuzat l-appellant.

Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (Ara ukoll *Il-Pulizija versus Alfred Camilleri,* 18 ta' Settembru 2002).

Ikkunsidrat:

Wara li l-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant issib illi mill-elfejn u hamsa (2005) ghandu xejn inqas minn disa' (9) kundanni ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment skont l-obbligi kontrattwali minnu assunti. Dan jaghmel lill-appellant a habitual offender u l-Qorti m'ghandhiex dubbju li n-nuqqas ta' hlas tal-appellant mhuwiex illi ma kellux flus u ma setax ihallas imma sempliciment pika ma' martu. Ovvjament il-Qorti ma tistax tippresta ruhha ghal dawn it-tipi ta' abbuzi u l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

L-appellant qieghed jilmenta ukoll illi l-piena hija eccessiva. Il-Qorti ma tara xejn eccessiv f'din il-piena f'dawn ic-cirkostanzi. Fil-fatt il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak li jkun fil-fatt (*Repubblika vs David Vella*, 14 ta' Gunju 1999).

Irrizulta illi l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------